# DUBJI

*Ta' OLIVER FRIGGIERI*

*Lil . . .*

Għaliex il-ħajja qatt ma taf b'rebbiegħa
w l-irwiefen ma jehdewx? Għaliex id-dalma
ma ssir qatt dawl u t-triq, timxi kemm timxi,
ma tridx tiqsar? . . .

Għaliex seħer l-imħabba
issewwes mill-mibegħda u fit-tbissima
jinħeba l-kliem nassies li jkidd il-qlub?
Għaliex min tħobbu ma jħobbokx u ħsiebu
li jġiegħlek tgħix kuljum u tmut mislub?

Min jaf jekk ħbub għajnejna għadx jinkixfu
għad-dawl? Min jaf għadx nisbħu f'għodwa isbaħ
mil-lum?

Għad għandna t-tama! Jgħidu wara
id-dlam, id-dawl, u wara l-mewt il-ħajja.

Min jaf! Min jaf! It-Tama t-tama tagħna! . . .

15 ta' Settembru, 1965.